# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 62**

9 t'April 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi irringrazzjat lill-kunsillieri u lill-amministrazzjoni tal-Kunsill tal-kuraġġ u l-faraġ li sabet mingħandhom fit-telfa taz-zija tagħha ftit tal-jiem qabel. Il-Viċi Sindku VB ippropona li l-laqgħa tal-Kunsill tieqaf għal minuta silenzju għas-Sinj. Doris Hili, b'tali proposta tiġi approvata b'mod unanimu.

## Minuti

### 62.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

62.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-wieħed u sittin (61) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

62.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, JAE, DSH, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

62.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 61.5.3 rigward tiswijiet ta' gallariji u staqsa jekk kienx hemm risposta mis-Segretarju Parlamentari. Is-Sindku DSH qalet li s-Segretarju Parlamentari kien wieġeb li dak il-fond partikolari kien allokat biss għaż-żona ta' Marsamxett.

### 62.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

62.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-materja ta' ħatra ta' Data Protection Officer. Hija qalet li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet informat li l-kunsilli lokali kellhom tliet xhur ċans sabiex jaħtru Data Protection Officer. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien talab lir-Reġjun Xlokk sabiex jiġi maħtur uffiċjal wieħed responsabbli mid-data protection f'isem il-kunsilli lokali kollha li jaqgħu taħt dak ir-reġjun. Hija żiedet tgħid li min-naħa ta' Reġjun Xlokk, kienu nformaw li kellu jinħatar uffiċjal minn kumpanija privata sabiex jassisti lill-kunsilli lokali f'dan ir-rigward.

62.3.2. Il-Kunsill ġie nformat li saret addizzjoni mal-mandat relattiv tas-Sur Justin Attard waqt li l-Avukat tal-Kunsill informa lis-SE li l-mandat oriġinali fil-Qorti "ntilef" iżda kien ser jipprovdi kopja tiegħu lill-Qorti.

62.3.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-webcams ta' Triq Sant'Anna kienu qegħdin jaħdmu t-tnejn u wieħed seta' jaċċessahom biex isegwi filmati *live*.

62.3.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-persuna minn skema ta' impjieg li wriet interess li tiġi taħdem ma' dan il-Kunsill u qalet li ma kienitx aċċettat l-offerta tal-Kunsill minħabba li kien ser ikollha inqas paga mis-salarju preżenti. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill setax isib lil xi ħaddieħor. Is-Sindku DSH qalet li setgħet tinħareġ sejħa għall-offerti iżda ma kienx jidher li hemm sostituti adegwati mil-lista preżenti. Hija qalet li din il-persuna kien diġà kellha esperjenza f'kunsilli lokali oħrajn u kien għalhekk li kienet ġiet ikkunsidrata.

62.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand FACES fejn informaw li kienu qed isiru *surveys* tal-bus shelters u li kienu ser ikellmu lill-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

62.3.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ktieb li ser jinħareġ minn Reġjun Xlokk u talbet lill-Viċi Sindku VB sabiex jispjega f'iktar dettall. Il-Viċi Sindku VB qal li l-ktieb kien ser jinkludi lill-kunsilli lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun u qal li l-Kunsill kien diġà ta r-ritratti u l-kitba mitluba. Il-Viċi Sindku qal li dan il-ktieb kien ser jitqassam fil-kunsilli lokali u l-libreriji tal-iskola, u li kienet ser issir preżentazzjoni

uffiċjali nhar it-3 ta' Mejju 2019. Huwa qal li minħabba li din id-data kienet taħbat mal-attivitajiet tal-festa, il-Kunsill kien talab li l-preżentazzjoni tiġi posposta għal ġurnata oħra, tali ġurnata ser tiġi deċiża iktar tard fuq id-disponibbiltà tal-maġġoranza tal-kunsilli lokali l-oħrajn.

62.3.7. Is-Sindku DSH informat li kienet inżammet laqgħa ma' Puttinu Cares fejn informaw li kienet ser tiġi organizzata il-mixja tal-Ġimgħa l-Kbira. Hija qalet li talbu permess sabiex ikunu jistgħu jarmaw *gazebo* fuq il-Fosos u talbu wkoll fergħa ta' dawl, liema talba ġiet riferita lill-Enemalta. Is-Sindku qalet li filgħaxija ser ikun hemm erba' *coaches* ipparkjati fi Triq Sarria. Is-Sindku qalet ukoll li kienu ntalbu li jiġu pprovduti erba' *mobile toilets,* li kienu ġew ġentilment offruti minn wieħed mill-kuntratturi tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li kienet inħarġet *no objection* għal din l-attività bil-kundizzjoni li jinġiebu l-permessi neċessarji mill-entitajiet ikkonċernati. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienu saru arranġamenti għall-parkeġġ. Is-Sindku wieġbet li hi kienet informata li kellhom ikellmu lill-Floriana FC sabiex jagħmlu użu mill-parkeġġ tagħhom.

## 62.4 RAPPORTI

62.4.1. Is-Sindku DSH ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv 2018. Hija qalet li dan kien qed jiġi preżentat b'format ġdid kif mitlub. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Viċi Sindku VB, ir-Rapport Amministrattiv ġie approvat b'mod unanimu.

62.4.2. Is-Sindku DSH ressqet quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2019-2021, li kien gwida tal-ispejjeż proġettati għas-snin li ġejjin. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat b'mod unanimu.

62.4.3. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li r-Rapport Amministrattiv 2018 u l-Pjan ta' Ħidma 2019-2021 kienu qed jiġu sottomessi għall-approvazzjoni dakinhar minħabba diffikultajiet relatati mas-sezzjoni tal-*Accounts*.

62.4.4. Is-Sindku DSH ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart. Hija qalet li l-FSI kien tela' għal 66%. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Viċi Sindku VB, ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart ġie approvat b'mod unanimu.

62.4.5. Is-Sindku DSH ressqet quddiem il-Kunsill l-Estimi Annwali riveduti mill-Awdituri b'emendi minuri. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat b'mod unanimu.

## 62.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

62.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni riċenti fejn ġie ċirkolat ritratt ta' persuni reqdin barra fi Triq Sant'Anna u fi Triq San Franġisk. Is-Sindku DSH qalet li kienet ikkonfermat mal-persuna li toqgħod fl-appartament fi Triq Sant'Anna li qaltilha li qatt ma rat nies reqdin barra.

62.5.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li hu għandu r-ritratti u li kien għamel rapport lill-Pulizija biex jinformahom bir-ritratti li kienu qed jiġu ċċirkulati.

62.5.1.2. Is-Sindku DSH qalet li l-istess resident li kellem lill-Kunsillier JAE kien kellem lilha wkoll u informaha li wara ftit kienu ġew il-Pulizija li keċċew lill-persuna li dehret fis-sakra, b'mod immedjat.

62.5.1.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jara x'analiżi qed issir, fuq bażi lokali u anke distrettwali biex din il-problema tiġi mħarsa u biex ir-resident ikun jaf lil min għandu jikkuntattja f'każijiet bħal dawn. Is-Sindku DSH wieġbet li f'dal-każ partikolari, ir-resident kien kellem lill-Pulizija li marru immedjatament fuq il-post.

62.5.1.4. Il-Kunsillier JAE wera r-ritratt tal-persuna rieqda barra fi Triq San Franġisk. Is-Sindku qalet li l-istess ritratt kien ġie mibgħut lilha iżda bħalma qalet, il-Pulizija kienu intervjenew b'mod immedjat. Hija kompliet sabiex qrat ir-rapport li kien sar lilha mir-resident in kwistjoni.

62.5.1.5. Il-Kunsillier JAE staqsa x'jista' joffri il-Kunsill lir-residenti f'każijiet bħal dawn. Is-Sindku qalet li l-forzi tal-ordni kienu l-Pulizija. Il-kompetenza ta' dawn l-inċidenti għalhekk hi tal-Pulizija u mhux tal-Kunsill. Hija qalet li l-Pulizija dejjem imorru fuq il-post appena jkunu nfurmati iżda sta għar-residenti li jikkuntattjawhom u biex jirrapportaw każijiet bħal dawn.

62.5.1.6. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-Pulizija li kkonfermaw li qatt ma kellhom rapport ta' persuni reqdin barra għajr dan. Il-Kunsillier JAE qal li kien hemm xi residenti li qalu li ġieli anke raw nies reqdin barra fi Ġnien il-Mall. Is-Sindku qalet li bħalma diġà semmiet kienet tkellmet mar-resident ta' Triq Sant'Anna li informaha li qatt ma kien ra nies reqdin barra. Il-Kunsillier JAE, mill-banda l-oħra qal li r-ritratt ta' Triq San Franġisk kien ġie mibgħut lilu minn resident tal-istess triq.

62.5.1.7. Is-Sindku qalet li hi kienet talbet laqgħa mas-Supretendent Attard tal-Pulizija sabiex tiġi diskussa din il-materja. Hija qalet li kienet informat lir-resident li ressaq ir-rapport sabiex f'każijiet bħal dawn, isir rapport lill-Pulizija mill-ewwel. Il-Kunsillier JAE qal li jaf li l-Kunsill għandu l-limitazzjonijiet tiegħu iżda issuġġerixxa li ssir forma ta' komunikazzjoni biex jiggwadanja r-resident. Is-Sindku qalet li hi kienet diġà nformat lill-Pulizija li min-naħa tagħhom informaw li ser jibdew isiru iktar rondi.

62.5.2. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-parti mit-tarmak li sar fi Triq San Publju u qal li kien qed jinġema l-ilma quddiem l-Istitut. Is-Sindku DSH qalet li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta kien ġie nfurmat u kienet informata li kellu jkellem lill-kuntrattur biex din il-parti tiġi rranġata wara l-festa. Is-SE kienet iltaqgħet mal-Perit inkarigat, flimkien mal-Viċi Sindku VB, li informaha li ser jikkuntattja lill-kuntrattur. Intant, il-Perit informa l-Kunsill li x-xogħolijiet ser isiru mill-kuntrattur wara l-festa.

## 62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

62.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 62.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

62.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 49/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

62.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

62.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Marzu li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

62.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 62.8 Mozzjonijiet

62.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

## 62.9 Offerti pubbliċi

62.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kien hemm żewġ offerenti għas-sejħa tal-offerti tax-xogħol tal-elettriku fi Ġnien ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li ż-żewġ offerti kienu jaqbżu l-baġit tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni li dan it-tender għandu jiġi kanċellat u tibda proċedura oħra ta' sejħiet skont ir-regolamenti stabbiliti.

62.9.2. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti ta' Civil Works u qalet li kien hemm biss offerent wieħed. Il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta tal-offerent numru 107143, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

62.9.3. Is-Sindku nformat li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni mill-Ministeru sabiex ikun jista' jmexxi b'direct order ix-xogħol ta' rinnovazzjoni tal-latrini pubbliċi fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

62.9.4. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-ftuħ u l-għeluq tal-ġonna u l-latrini pubbliċi u qalet li dakinhar stess kien jagħlaq il-perjodu tal-appell fejn il-Kunsill ġie informat li ma kienx hemm appelli.

62.9.5. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-Playground & Gym equipment u qalet li dakinhar stess kien jagħlaq il-perjodu tal-appell fejn il-Kunsill ġie informat li ma kienx hemm appelli.

62.9.6. Is-Sindku għamlet riferenza għall-iskema ta' ġbir ta' skart riċiklat offruta mill-GreenMT. Hija qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna li jirċievi l-abbozz tal-kuntratt sabiex jiġi iffirmat.

62.9.7. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tas-CCTV fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna sabiex wieħed mill-kuntratturi jiġi jagħmel żjara fuq is-sit. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi ladarba l-Kunsill diġà kellu tliet kwotazzjonijiet kif mitlub bil-liġi.

62.9.8. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-Accountant tal-Kunsill u qalet li din is-sejħa kienet ġiet ippubblikata nhar il-5 t'April 2019 u tagħlaq nhar it-3 ta' Mejju 2019. Hija qalet li kien hemm bżonn li jinħatar Bord tal-Għażla. Il-Kunsill qabel li l-membri għandhom ikunu il-Viċi Sindku VB, il-Kunsillier AD u s-Sindku DSH. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jaħtar ukoll lis-Sur Kenneth Brincat.

62.9.9. Is-Sindku għamlet riferenza għall-iskema ta' Urban Greening u qalet li kien hemm bżonn li s-sejħa għall-offerti tinħareġ permezz tal-EPPS minħabba li l-kwotazzjonijiet kienu qabżu l-€5000. Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li jinħatar Bord tal-Għażla. Il-Kunsill qabel li l-membri għandhom ikunu il-Viċi Sindku VB, il-Kunsillier AD u s-Sur Kenneth Brincat.

62.9.10. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-ftehim mal-Wasteserv kien ġie konfermat min-naħa tal-Kunsill kemm a kwantu ta' skeda kif ukoll bħala perjodu ta' pagament.

## 62.10 Korrispondenza

### 62.10.1. Ilment dwar sitwazzjoni perikoluża fuq iz-zuntier tal-Knisja

Is-Sindku DSH ressqet ilment dwar periklu li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja fejn hemm balavostri perikolużi. Is-Sindku qalet li hi kienet tkellmet mal-Arċipriet li informaha li kien hemm fond allokat mill-Kurja għall-knejjes iżda jidher li ma kienitx ġiet imressqa applikazzjoni mill-Knisja Arċipretali ta' San Publju fis-snin li għaddew u għalhekk

dan il-fond ma setax jiġi sfruttat. Is-Sindku qalet li kienet qed tipprova ssib alternattivi oħra minn fejn jistgħu jinkisbu l-fondi biex iz-zuntier jiġi rranġat. Hija qalet li hi flimkien mal-Arċipriet, kienu ressqu każ quddiem l-Onor. Segretarju Parlamentari Farrugia biex tintalab għajnuna mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax tintalab l-għajnuna tal-Ministeru tal-Kultura iżda s-Sindku qalet li meta kienet avviċinathom, kienu rreferewha għall-Good Causes Fund. Il-Viċi Sindku VB fakkar li r-responsabbiltà taz-zuntier u l-balavostri msemmija huma r-responsabbiltà tal-Knisja u li l-Kunsill ma kienx responsabbli f'każ ta' xi inċident.

### 62.10.2. TALBA GĦAL CAT CAFÉS

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Ambjent Malta fejn ċertu Christine Heathcroff kienet kitbet biex isiru xi *cat shelters* għall-qtates. Id-Direttur Ambjent Malta kien informa lis-Sinjura Heathcroff u lill-Kunsill li jeżistu fondi għal dan il-għan mingħand id-Dipartiment tal-Animal Welfare.
Is-Sindku qalet li ma taqbilx mal-mod kif żvolġew l-affarijiet minħabba li ma tħossx li dan id-dipartiment kellu jidħol fl-affarijiet tal-Kunsill b'dan il-mod. Hija qalet ukoll li d-Direttur tal-Animal Welfare kien informa l-Kunsill li l-fondi għal dawn il-cat cafés kienu għadhom ma ħarġux. Is-SE qalet li l-prassi ta' komunikazzjoni/diskussjoni interdipartimentali hija li ma jkunux involuti terzi persuni li ma jkunux parti mid-dipartiment, sakemm ma jkun hemm deċiżjoni finali. Is-SE kienet informatu li l-komunikazzjoni tiegħu kienet ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill hekk kif kienet il-prassi tal-Kunsill u li kellha tinformah appena jkun hemm deċiżjoni.
Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lis-Sur Farrugia li ħadd m'għandu jiddetta x'jagħmel il-Kunsill u li l-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjonijiet hu a bażi tal-interess tal-annimali. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinformah li l-fondi msemmija ma kienux għadhom ħarġu.

### 62.10.3. PRESENTATION NIGHT 2019

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn offrew lill-Kunsill biex b'mod konġunt tiġi organizzata Presentation Night. Il-Kunsill laqa' l-offerta bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

### 62.10.4. SMART BINS

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jipproponu li jiġu installati smart bins minflok il-kontenituri eżistenti. Is-Sindku nformat li l-proġett kien ser ikun kollu iffinanzjat u għalhekk il-Kunsill ma kien ser jinkorri l-ebda spiża. Huma kienu qed jitolbu lill-Kunsill jindika jekk hux interessat f'dan il-proġett u jekk iva, għandu jipprovdi n-numru ta' *smart bins* li ser ikun hemm bżonn. Is-SE qalet li wara li għamlet stħarriġ irriżulta li l-Kunsill għandu mija u erbatax-il kontenitur madwar il-lokalità. Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, huwa qabel b'mod unanimu li għandu jitlob iktar informazzjoni inkluż id-dimensjonijiet ta' dawn il-kontenituri u kif ser jitbattlu dawn il-kontenituri u minn min, qabel ma jkun jista' jieħu deċiżjoni finali.

### 62.10.5. TALBA GĦAL PERMESS MATUL IL-FESTA SAN PUBLJU

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Miriam Vella, waħda mill-persuni li jarmaw fil-festa, li talbet li jerġa jingħatalha l-permess wara li kienet tilfet id-dritt għall-permess minħabba li m'applikatx għalih is-sena ta' qabel. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li għandha terġa tingħata l-permess wara li ikkunsidra li l-applikant kienet tarma bil-qubbajt li hija tradizzjoni Maltija u għalhekk tingħata preferenza, u li ma kienx hemm iktar applikanti fuq il-*waiting list* biex jarmaw bl-istess prodott.

### 62.10.6. KORRISPONDENZA MINGĦAND TRANSPORT MALTA – PARKEĠĠ RISERVAT

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw li kienu laqgħu applikazzjoni biex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità fi Triq il-Imħażen.

### 62.10.7. KIRJA TA' GARAXX FI TRIQ L-ILJUN

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Awtorità tad-Djar rigward il-garaxx li l-Kunsill jikri fi Triq l-Iljun. Il-Kunsill qabel li għandu jibqa' jikri l-garaxx in kwistjoni.

### 62.10.8. KORRISPONDENZA MINGĦAND L-MSPCA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-MSPCA fejn offrew lill-Kunsill li jibdew joffru sessjonijiet edukattivi fuq suġġetti relatati mal-annimali. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom sabiex tiġi diskussa din il-proposta.
Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għal din il-materja u qal ukoll li kienu pproponew sabiex id-*dog park* li ser isir faċċata tal-Kunsill jibda jiġi offrut għalihom biss matul ċertu ħinijiet sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-klieb tagħhom. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minħabba li ma jħossx li hu ġust li jillimita l-ħinijiet ta' min jiffrekwenta l-park. Il-Kunsill iħoss li jekk il-proposta li jingħalaq hija sabiex ikunu jistgħu joħorġu klieb iktar aggressivi, allura mhux ġust lanqas fuq min jiffrekwenta l-park u l-klieb tagħhom a bażi ta' sigurtà.

### 62.10.9. NOMINAZZJONIJIET - TROFEW TONNA

Is-Sindku informat lill-Kunsill li kienu ħarġu n-nominazzjonijiet għall-Premju Tonna. Hija qalet li n-nominazzjonijiet għandhom jitressqu sal-Ħadd 14 t'April 2019. Il-Kunsillier JAE ippropona li l-Kunsill jinnomina lis-Sur Joe Debattista. Is-Sindku DSH qalet li kienet ser tipproponi lill-Floriana Nursery peress li fit-termini kien hemm miktub li setgħet tiġi nominata għaqda. Għalhekk il-Kunsill qabel b'maġġoranza li jinnomina lill-Floriana Nursery minħabba s-suċċessi tagħhom.

### 62.10.10. KORRISPONDENZA MINGĦAND L-EQUAL OPPORTUNITIES COMPLIANCE UNIT

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Equal Opportunities Compliance Unit li għamlu riferenza għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità u nformaw li kienu rċevew ilment li l-aċċess biex wieħed jipparkja kien limitat. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li l-ispazju ta' parkeġġ jitmexxa u jsir fil-kantuniera sabiex l-aċċess ikun aktar adattat. Il-Kunsill qabel li għandu jirriloka dan il-parkeġġ.

### 62.10.11. KORRISPONDENZA MINGĦAND IS-SUR NEVILLE SPITERI

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Neville Spiteri fejn informa li l-iskwadra tal-under 15 kienu rebħu l-league tas-Sezzjoni Ċ u ippropona li l-Kunsill jirrikonoxxi lil dan it-tim għal dan is-suċċess. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jirrikonoxxihom b'midalja u plakka, u qabel ukoll li tali midalji għandhom ikunu preżentati lilhom matul Jum il-Floriana.

**Nota: 18:22 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

### 62.10.12. TALBA MINGĦAND IL-MALTA PHILARMONIC ORCHESTRA

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Philarmonic Orchesta fejn talbu lill-Kunsill sabiex joffrilhom spazju fid-Dar tal-Kunsill fejn ikunu jistgħu jipprattikaw minħabba li l-ispazju li kellhom bħalissa kien limitat. Il-Kunsill qabel li għandu joffrilhom xi kmamar fid-Dar tal-Kunsill bil-kundizzjoni li tali sessjonijiet isiru filgħodu matul il-ħinijiet tal-uffiċċju sas-1pm, u dan sabiex ma jiġux disturbati r-residenti tal-madwar. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jinformaw minn ġimgħatejn qabel meta jkunu ser jużaw il-kmamar u dan sabiex ma jkunux konfliġġenti m'attivitajiet tal-Kunsill.

62.10.13. **Korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Publju**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Parroċċa San Publju fejn offrew lill-Kunsill li jirriklama fil-ktieb tal-festa għall-prezz ta' €326. Il-Kunsill qabel li għandu jirreklama l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat fil-ktieb tal-festa kif ukoll jibgħat l-awgurju tiegħu lir-residenti.

62.10.14. **Komunikazzjoni mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn offrew servizz ta' tliet siegħat banda fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat għall-prezz ta' €1400. Is-Sindku qalet li s-SE kienet ikkonfermat mal-President tal-Għaqda Baned Maltin li tali prezz kien skont il-medja li jitħallsu l-baned Maltin. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' l-offerta u jikkummisjona l-banda għal matul l-attività.

62.10.15. **Korrispondenza mingħand il-Voluntiera tal-Knisja**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-voluntiera tal-Fergħa Armar ta' Barra fi ħdan Parroċċa San Publju li offrew lill-Kunsill biex b'mod konġunt tittella' attività organizzata minn din il-għaqda, eskluż il-logħob tan-nar, fosthom biex tinġieb *fire engine* u *sound system* għal nhar it-28 t'April 2019, nhar it-3 ta' Mejju 2019 u għall-festa tal-Ġimgħa rispettivament.
Il-Kunsill qabel li din l-attivita tiġi organiżżata b' mod konġunt u qabel li għal din is-sena biss jikkometti ruhu għall-ispiża li ma' teċċedix €550, filwaqt li jkun ċar li l-Kunsill ma jinżammx responsabbli għal xi inċident li jista' jinqala.
Inġibdet l-attenzjoni li l-*invoices* u r-riċevuti fiskali tal-kuntratturi għandhom ikunu indirizzati lill-Kunsill Lokali Floriana.
Il-Kunsill talab li tiġi nkluża l-arma tal-Kunsill fil-posters li jinħarġu.

**62.11 Proġett tal-Ġnien Re George V**

62.11.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-latrini pubbliċi mistenni jibda l-ġimgħa ta' wara. Hija pproponiet li jinkrew żewġ mobile toilets sakemm jitlesta x-xogħol. Il-Kunsill qabel.

62.11.2. Is-Sindku għamlet riferenza għat-tender li l-Kunsill għandu għat-tindif tal-latrini pubbliċi u qalet li l-Kunsill għandu jiċċekkja jekk jistax ma jħallasx lill-kuntrattur tat-tindif ladarba kien qed isir ix-xogħol fuq il-latrini.

**62.12 Jum il-Floriana**

62.12.1. Is-Sindku qalet li kien ser ikun hemm ċerimonja żgħira fuq iz-zuntier tal-Knisja il-Ħadd 28 t'April 2019 u l-Arċipriet kien offra lill-Kunsill li jistgħu jitpoġġew fjuri quddiem l-irħama. Il-Kunsill qabel.

62.12.2. Is-Sindku pproponiet li bħas-snin ta' qabel, jiġi ordnat servizz ta' catering għar-riċeviment li jsir dakinhar ta' Jum il-Floriana u li din is-sena il-Kunsill kien ser ikun onorat bil-preżenza tal-President li kien għadu kemm ħa l-ħatra. . Il-Kunsill qabel.

62.12.3. Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn ukoll ta' PA system. Il-Kunsillier JAE fakkar li kien hemm bżonn ta' editur li jieħu ħsieb jagħmel il-preżentazzjoni li tittella' ta' kull sena. Il-Kunsill qabel.

62.12.4. Is-Sindku DSH pproponiet li l-Kunsill jerġa jqabbad lis-Sur Mario Xuereb u lil Jacky Mercieca sabiex jippreżentaw is-serata. Il-Kunsill qabel.

62.12.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal Premju Ġieħ il-Floriana u pproponiet lil Ray Żazu Farrugia, Furjaniż li kien għamel unur fl-isports lokali u x-xena internazzjonali. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

62.12.6. Il-Kunsillier JAE fakkar li għas-serata, għandhom jiġu mistiedna l-għaqdiet tal-kampanja.

62.12.7. Is-Sindku talbet li jintbagħat invit formali lill-President George Vella malajr kemm jista' jkun filwaqt li jiġi nformat li ser tingħata donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund.

**62.13 JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA**

62.13.1. Is-Sindku nformat li s-Soċjetà Filarmonika Vilhena kienu nformaw li ser joffru s-servizz ta' trumpets b'xejn lill-Kunsill dakinhar tat-tqegħid tal-fjuri quddiem il-monument ta' Pietro Paolo Floriani.

**62.14 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT**

62.14.1. Is-Sindku DSH nformat li l-poster għall-attività kien lest. Hija nformat ukoll li l-Grand Hotel Excelsior kienu ser jisponsorjaw l-akkomodazzjoni tal-ġurija u tad-delegazzjoni ta' Macerata.

**62.15 PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL**

62.15.1. Is-Sindku DSH fakkret lill-Kunsillieri AGS u AD sabiex jibgħatu r-ritratti tagħhom u d-diskorsi tal-għeluq sal-għada. Hija qalet li imbagħad l-abbozz tal-pubblikazzjoni ikun jista' jiġi finalizzat u jgħaddi għand il-pubblikatur.

**62.16 PROĠETTI FFINANZJATI FAVUR IL-KOMUNITÀ**

62.16.1. Is-Sindku DSH informat li l-proposta tal-Kunsill għal Skema ta' Ħajja aħjar permezz ta' eżerċizzju fiżiku u sport kienet ġiet milqugħa u tali sessjonijiet kellhom jibdew nhar it-Tnejn 15 t'April 2019. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien irnexxielu jintgħażel ukoll għal Wifi *vouchers* ta' €15000 u li kien ser jiffirma wkoll l-MOU mal-Urban Greenery.

62.16.2. Is-Sindku qalet li fid-dawl ta' dawn il-kisbiet, tħoss li hu xieraq li tittella' konferenza stampa li matulha il-Kunsill iħabbar dawn it-tliet proġetti. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jsir leaflet b'din l-informazzjoni li fih il-Kunsill jawgura wkoll il-festa t-tajba lir-residenti.

62.16.3. Is-Sindku fakkret ukoll fil-konferenza stampa tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mal-MTA sabiex jiġi determinat meta ser tinżamm il-konferenza stampa li idealment għandha tinżamm filgħodu bejn id-29 u t-30 t'April 2019.

**62.17 ŻIEDA FID-DWAL TA' TRIQ L-ILJUN**

62.17.1. Is-Sindku DSH qalet li kienu kellmuha xi residenti minn Triq l-Iljun c/w Triq l-Argotti li talbu li jiżdied id-dawl fiz-zona permezz ta' wall mounted. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**62.18 TAĦT IL-FORKA – MOBILE TOILETS @ HAY WHARF**

62.18.1. Is-Sindku DSH ppproponiet li jitqegħdu *mobile toilets* fiż-żona ta' Taħt il-Forka minn Ġunju sal-aħħar ta' Settembru għall-użu ta' dawk li jgħumu fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li jintalbu l-kwotazzjonijiet.

**62.19 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

62.19.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta’ Mejju fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta, 7 ta’ Mejju 2019.**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M’Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv